**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Ġunju, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Francesco Mizzi)**

**-vs-**

**Steve Camilleri, detentur tal-Karta ta' l-Identità nru. 464091M**

*Kumpilazzjoni Nru. 54/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Steve Camilleri u** ċioe talli:

B'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda u ċioe:

1. Talli fi xahar ta' Frar 2021 u fix-xhur u snin ta' qabel, mill-istabbiliment Blye Refrigerator Repair Service li jinsab ġewwa Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar ikkommetta serq ta' diversi oġġetti għad-detriment ta' Mireille Mallia u/jew persuni u/entitajiet oħra, liema serq hu ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu(€2,329.37) u bil-persuna u dan bi ksur tal-Artikoli 261(ċ)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fix-xahar ta' Frar 2021 u fix-xhur u snin ta' qabel, mill-istabbiliment Blye Refrigerator Repair Service li jinsab ġewwa Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, u ċioe diversi oġġetti misruqa

mill-istabbiliment Blye Refrigerator Repair Service, li ġew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom u jmexxihom u dan bi ksur tal-Artikoli 334 tal_Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħija għar-reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lil ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara għal dawk il-partijiet bi/jew permezz ta' reati, jew li jħallas lil dawk il-partijiet ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal danni jew offiżi jew ħsara oħra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lil Steve Camilleri sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret nhar is-16 ta' April 2024.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma illum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena il-Qorti tat piż lil dak li xehdet id-derubata u ċioe li wara ftehim mal-imputat intlaħaq ftehim fejn sar kumpens kif ukoll li ser tiġi restitwita r-*res furtiva*.

Kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll il-parte leża tennew li fid-dawl taċ-ċirkostanzi, ma xtaqux li tiġi imposta piena karċerarja.

Il-Qorti qieset in-natura ta' dawn l-akkużi, tal-fedina penali netta tal-imputat u tal-valur tar-*res furtiva*.

Finalment ittieħed kont li l-għemil tal-imputat jinkwadra ruħu fl-ewwel imputazzjoni u ċioe dik ta' serq u mhux dik ta' riċettazzjoni li ngħatat bħala kap alternattiv għall-ewwel imputazzjoni.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(ċ)(d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għall-piena ta' **sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien erba' (4) snin millum.**

Inoltre ai termini tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali qed toħroġ <u>Ordni ta' Trażżin</u> fil-konfront tal-imputat a favur ta' Mireille Mallia għal żmien tlett (3) snin.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputat iħallas l-ammont ta' **elf, ħames mija u tlettax il-Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1, 513.25c)** rappreżentanti terz tal-spejjeż peritali

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**